MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1834/2000/1

**Portanier Brothers Limited**

**vs**

**Emanuel u Giorgina Bonello**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut xtara diversi prodotti 'on credit' mid-ditta attrici u hallas ghal dawn il-prodotti minn zmien ghall-zmien;

Illi l-konvenuti ghad fadalhom jhallsu lid-ditta attrici s-somma ta’ elf mitejn u seba u tmenin liri maltin u tlieta u erbghin centezm (Lm1287.43) bilanc fuq il-prezz ta’ bejgh ta’ minerali, ilma u xorb iehor lilhom mibjugha u konsenjati;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din l-Qorti: -

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lid-ditta attrici s-somma ta’ elf, mitejn u seba u tmenin liri maltin u tlieta u erbghajn centezmu (Lm1287.43) rapprezentanti l-bilanc fuq prezz ta’ diversi prodotti ta’ minerali, ilma u xorb iehor lilhom mibjugha u konsenjati;

Bl-ispejez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Gunju 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi t-talba attrici hija nfonfata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez billi s-somma mitluba m’hix dovuta mill-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici, lill-konvenuti u x-xhieda minnhom porodotti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' elf mitejn u seba u tmenin liri maltin u tlieta u erbghin centezm (Lm1287.43) bilanc ta' somma akbar prezz ta' bejgh ta' minerali, ilma u xorb iehor mibjughin u kkonsenjati lill-konvenuti. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kundannati ihallsu l-imsemmija somma. Fid-dikjarazzjoni is-socjeta attrici tispecifika li l-konvenuti kienu jixtru diversi prodotti minn ghandha 'on credit' u l-hlas ghall-istess prodotti kien isir minn zmien ghall-zmien u l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-imsemmija somma;

Il-konvenuti jeccepixxu li s-somma mitluba mhux dovuta. Fid-dikjarazzjoni il-konvenuti qalu li huma dejjem kienu ihallsu fi flus kontanti immedjatament mal konsenja. Huma saru jafu b'dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici meta rcevew ittra ufficjali. Is-socjeta attrici naqset li tippresenta delivery order jew invoices relattivament ghall-imsemmi ammont minnha reklamat;

Mill-provi jirrizulta li l-konvenuti kienu ghal zmien twil jagixxu bhala agenti tas-socjeta attrici f'lokalita partikolari hawn Malta. Ghalhekk il-konvenuti kienu ilhom zmien twil jiehdu xoghol minghand is-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li ghall-ewwel il-konvenuti kienu jhallsu fi flus kontanti mal-konsenja. Sussegwentement huma bdew jiehu x-xoghol "on credit." Is-socjeta attrici ppresentat xi dokumenti relattivi ghal konsenja in kwestjoni u cioe' "load sheet", il-fattura relattiva u "load sheet" li jindika l-vojt ritornat mill-konvenuti in okkazzjoni tal-istess konsenja in kwestjoni. L-

ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma hu ffirmat mill-konvenuti;

Iz-zewg partijiet jghatu zewg verzjonijiet opposti tal-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri. Min-natura taghha din hi kawza li trid tigi deciza fuq apprezzament tal-provi u fuq il-kredibilita’ o meno tal-imsemmija zewg verzjonijiet;

Is-socjeta attrici tikkonferma li l-konsenja in kwestjoni saret u l-konvenuti naqsu li jhallsu ghal din il-konsenja. Is-socjeta attrici ssostni li kull meta l-konvenuti rritornaw il-vojt dejjem kien hemm tikkorrispondi konsenja ta’ xoghol lill-istess konvenuti. In effett ghar-rigward tal-konsenja in kwestjoni hemm ritorn tal-vojt li jikkorrispondi. Fiz-zmien in kwestjoni il-konvenuti kienu jhallsu ghax-xoghol konsenjat lilhom wara certu zmien mill-istess konsenja;

Da parti taghhom il-konvenuti jsostnu li huma kienu jhallsu fi flus kontanti mal-konsenja. Meta saret il-konsenja in kwestjoni ma kienx hemm arretrati dovuti. Huma qalu li l-fattura relattiva ghal konsenja in kwestjoni kien irceviha l-ewwel darba zmien wara li saret l-istess konsenja. Ghall-konvenuti din il-konsenja kienet imhallsa. Il-konvenuti ghamlu referenza ghal zewg okkazjoniijet precedenti fejn ukoll is-socjeta sostniet li kien hemm fatturi mhux mhallsa u wara li saru l-verifiki rrizulta li in effett dawn il-fatturi kienu ta’ terzi. Il-konvenuti jsostnu ukoll li kull meta ma hallsux ghal konsenja partikolari minnufih mal-istess konsenja, huma kienu jiffirmaw ghax-xoghol li jkun hadu;

Wara li esaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esibiti, u wara li qiset ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-verzjoni tas-socjeta attrici hi aktar verosimili u ghalhekk aktar kredibbli. Difatti jirrizulta li dan in-negozju in kwestjoni kien ukoll isir “on cerdit” u mhux biss “on a cash basis” kif isostnu l-konvenuti. Jidherr ukoll li ufficjali tas-socjeta attrici tkellmu mal-konvenuti dwar dawn il-pendenzi ftit wara li saret il-konsenja in kwestjoni. Il-fatt li ma hemmx delivery note jew dokument iffirmat mill-kovenuti ma jfissirx li l-konsenja in kwestjoni ma saritx. Jidher ukoll mill-provi li fiz-zmien in kwestjoni l-konvenuti

ma kinux jiffirmaw ghax-xoghol li kienu jiehdu. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz jidher li din il-konsenja saret u ma sarx pagament ghaliha;

Jirrizulta li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn il-konvenuti ntalbu ihallsu ghal konsenji partikolari, pero' meta saru l-verifiki rrizulta li l-fatturi relattivi kienu intizi ghal terzi. Dan jista jindika li ghar-rigward tal-kaz in kwestjoni saru ukoll verifiki pero' kompla jirrizulta li l-hlas kien in effett dovut mil-konvenuti. Jigi rilevat ukoll li l-konvenuti naqsu li jipproducu l-accountant taghhom li jissemma mill-konvenut fid-deposizzjoni tieghu;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda fiklwaqt li t-talbiet attrici ghadnhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, mitejn u seba u tmenin liri maltin u tlieta u erbghajn centezmu (Lm1287.43) rapprezentanti l-bilanc fuq prezz ta' diversi prodotti ta' minerali, ilma u xorb iehor lilhom mibjugha u konsenjati u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali indikata fic-citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kontfra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------